Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Baġits
Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2024/2085(INI)

26.2.2025

EMENDI
1 - 400

Abbozz ta' rapport
Victor Negrescu, Siegfried Mureşan
(PE768.025v01-00)

Rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
(2024/2085(INI))

Emenda 1
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda,

Or. en

Emenda 2
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2106 tat-28 ta' Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza billi jistabbilixxi l-indikaturi komuni u l-elementi dettaljati tat-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza,

Or. en

Emenda 3
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Nru 640/2019 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew",

Or. en

Emenda 4
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2105 tat-28 ta' Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bid-definizzjoni ta' metodoloġija għar-rapportar dwar in-nefqa soċjali,

Or. en

Emenda 5
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew,

Or. en

Emenda 6
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Avviżi tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2021 u tal-11 ta' Ottubru 2023 bit-titolu "Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' 'ma tagħmilx ħsara sinifikanti' skont ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Reżiljenża",

Or. en

Emenda 7
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva" (COM/2020/98),

Or. en

Emenda 8
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari,

Or. en

Emenda 9
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport ***speċjali 13/2024*** tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tat-2 ta' Settembru 2024 bit-titolu "Assorbiment ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – Qed isir progress b'xi dewmien u għad hemm riskji fir-rigward tat-twettiq tal-miżuri u, għalhekk, l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF", ir-rapport speċjali 14/2024 tal-QEA tal-11 ta' Settembru 2024 bit-titolu "Tranżizzjoni ekoloġika – Mhijiex ċara l-kontribuzzjoni mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza", u r-rapport speċjali 22/2024 tal-QEA tal-21 ta' Ottubru 2024 bit-titolu "Finanzjament doppju mingħand il-baġit tal-UE – Is-sistemi ta' kontroll ma għandhomx elementi essenzjali biex jimmitigaw ir-riskju akbar li jirriżulta mill-fatt li l-mudell ta' finanzjament tal-RRF mhuwiex marbut mal-kostijiet",	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ***tal-10 ta' Ottubru 2024 bit-titolu "Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2023", ir-rapport speċjali 13/2024 tal-QEA*** tat-2 ta' Settembru 2024 bit-titolu "Assorbiment ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – Qed isir progress b'xi dewmien u għad hemm riskji fir-rigward tat-twettiq tal-miżuri u, għalhekk, l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF", ir-rapport speċjali 14/2024 tal-QEA tal-11 ta' Settembru 2024 bit-titolu "Tranżizzjoni ekoloġika – Mhijiex ċara l-kontribuzzjoni mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza", u r-rapport speċjali 22/2024 tal-QEA tal-21 ta' Ottubru 2024 bit-titolu "Finanzjament doppju mingħand il-baġit tal-UE – Is-sistemi ta' kontroll ma għandhomx elementi essenzjali biex jimmitigaw ir-riskju akbar li jirriżulta mill-fatt li l-mudell ta' finanzjament tal-RRF mhuwiex marbut mal-kostijiet",

Or. en

Emenda 10
Julien Sanchez, Angéline Furet, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2023 tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ippubblikat fl-1 ta' Marzu 2024,

Or. fr

Emenda 11
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-2024 dwar l-Allokazzjoni u l-Impatt tal-Bonds Ekoloġiċi tan-Next Generation EU (SWD(2024)275),

Or. en

Emenda 12
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-analiżi u l-briefings tas-servizzi ta' riċerka tiegħu dwar l-RRF,

Or. en

Emenda 13

Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija u l-fondi ffriżati tal-UE (2024/2512),

Or. en

Emenda 14
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A. billi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) hija l-istrument ewlieni tan-Next Generation EU (NGEU) u nħolqot biex tgħin lis-soċjetajiet u lill-ekonomiji tal-UE jirkupraw u joħorġu mill-kriżi tal-COVID-19 aktar b'saħħithom, aktar sostenibbli u aktar reżiljenti;

Or. en

Emenda 15
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A. billi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) hija strument

temporanju u ta' darba li jindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19 u wara, tal-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna;

Or. en

Emenda 16
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-Aa. billi l-finanzjament tal-RRF jappoġġja oqsma ta' politika ewlenin bħat-tranżizzjoni ekoloġika, it-trasformazzjoni diġitali, it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, il-politiki dwar il-ġeneru, is-saħħa, ir-reżiljenza istituzzjonali u t-tħejjija għall-kriżijiet, kif ukoll it-tfal u ż-żgħażagħ, inklużi l-edukazzjoni u l-ħiliet;

Or. en

Emenda 17
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) jgħinu biex l-UE ssir aktar reżiljenti u anqas dipendenti billi jiddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista ewlenin u b'hekk isaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE; billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-RRF jiġġeneraw ukoll valur miżjud Ewropew;	A. billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ***fil-prinċipju*** jgħinu biex l-UE ssir aktar reżiljenti u anqas dipendenti billi jiddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista ewlenin u b'hekk isaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE; billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-RRF ***għandhom*** jiġġeneraw ukoll valur miżjud Ewropew;

Or. en

Emenda 18
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie, Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu ***tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)*** jgħinu biex l-UE ssir aktar reżiljenti u anqas dipendenti billi jiddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista ewlenin u b'hekk isaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE; billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-RRF jiġġeneraw ukoll valur miżjud Ewropew;	A. billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu ***tal-RRF*** jgħinu biex l-UE ssir aktar reżiljenti u anqas dipendenti billi jiddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista ewlenin u b'hekk isaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE; billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-RRF jiġġeneraw ukoll valur miżjud Ewropew;

Or. en

Emenda 19
Jussi Saramo, Pasquale Tridico

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-RRF hija bla preċedenti għall-iskala mingħajr paragun tagħha li ttejjeb bil-kbir il-kapaċità tan-nefqa tal-UE lil hinn minn dak li huwa stabbilit fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) tagħha; billi tispikka minħabba l-fatt li tinkludi kemm self kif ukoll għotjiet li jespandu l-ambitu u l-iskala tas-self fil-livell tal-UE għall-istrumenti ta' finanzjament;

Or. en

Emenda 20
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-ksur tal-limiti pjanetarji, id-dipendenza fuq materja prima u minerali kliniċi importati kif ukoll it-tibdil fil-klima huma l-isfidi essenzjali tal-Ewropa u jeħtieġ li jiġu solvuti b'mod urġenti sabiex ma jsirux theddida għall-ekonomiji tagħna;

Or. en

Emenda 21
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-appoġġ għall-RRF ma għandux, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati, jissostitwixxi n-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti u għandu jirrispetta l-prinċipju tal-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni kif ukoll il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti";

Or. en

Emenda 22
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

B. billi n-nefqa tal-RRF taqa' barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u r-rikavati mis-self jikkostitwixxu dħul assenjat estern; billi l-Parlament ***jiddispjaċih li dawn ma jiffurmawx parti mill-proċedura baġitarja***;	B. billi n-nefqa tal-RRF taqa' barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u r-rikavati mis-self jikkostitwixxu dħul assenjat estern; billi l-Parlament ***jiddikjara li l-Unjoni Ewropea ma għandhiex il-kompetenza li toħroġ dejn komuni skont it-Trattati u għaldaqstant ma tistax tiġi assenjata biex tagħmel dan fil-futur***;

Or. en

Emenda 23
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi n-nefqa tal-RRF taqa' barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u r-rikavati mis-self jikkostitwixxu dħul assenjat estern; ***billi l-Parlament jiddispjaċih li dawn ma jiffurmawx parti mill-proċedura baġitarja;***	B. billi n-nefqa tal-RRF taqa' barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u r-rikavati mis-self jikkostitwixxu dħul assenjat estern;

Or. it

Emenda 24
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi n-nefqa tal-RRF taqa' barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u r-rikavati mis-self jikkostitwixxu dħul assenjat estern; billi l-Parlament ***jiddispjaċih*** li ***dawn ma jiffurmawx parti mill-proċedura baġitarja***;	B. billi n-nefqa tal-RRF taqa' barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u r-rikavati mis-self jikkostitwixxu dħul assenjat estern; billi l-Parlament ***jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li ***l-UE kisret il-klawżola tal-ebda dejn tal-Artikolu 311 tat-TFUE, li tipprojbixxi l-***

finanzjament b'dejn;

Or. en

Emenda 25
Julien Sanchez, Angéline Furet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi n-nefqa tal-RRF taqa' barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u r-rikavati mis-self jikkostitwixxu dħul assenjat estern; billi l-Parlament ***jiddispjaċih*** li dawn ma jiffurmawx parti mill-proċedura baġitarja;	B. billi n-nefqa tal-RRF taqa' barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u r-rikavati mis-self jikkostitwixxu dħul assenjat estern; billi l-Parlament ***jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li dawn ma jiffurmawx parti mill-proċedura baġitarja ***u bħalissa lanqas mhuma soġġetti għal kontroll strett min-naħa tiegħu, b'hekk ma jippermettux li tiġi ggarantita ġestjoni trasparenti u responsabbli tal-fondi***;

Or. fr

Emenda 26
Costas Mavrides, Francisco Assis, Carla Tavares, Claire Fita, Jonás Fernández, Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billli jeżistu nuqqas ta' progress fl-implimentazzjoni ta' riżorsi proprji ġodda fl-UE u l-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-pjan tal-ħlas lura tal-UE, hija essenzjali strateġija ta' finanzjament fit-tul ċara u affidabbli biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' ħlas lura mingħajr ma jiġu sfurzati kompromessi diffiċli fil-baġit tal-UE li jistgħu jimminaw investimenti u prijoritajiet ta' politika futuri; billi se

jkunu meħtieġa diskussjonijiet ulterjuri u soluzzjonijiet finanzjarji konkreti biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tal-pjan tal-ħlas lura tad-dejn tal-UE;

Or. en

Emenda 27
Auke Zijlstra, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kostijiet tas-self għal Next Generation EU jridu jiġġarrbu mill-baġit tal-UE u l-kostijiet reali jaqbżu sew il-projezzjonijiet tal-2020 b'riżultat tar-rati tal-imgħax ***għoljin***; billi l-Parlament insista li l-kostijiet ta' rifinanzjament jitqiegħdu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP; billi ġie introdott "mekkaniżmu kaskata" fi tliet stadji li jinkludi strument speċjali ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru (EURI) fil-kuntest tar-reviżjoni tal-QFP 2024 biex ikopri l-kostijiet żejda li jirriżultaw mis-self ta' Next Generation EU; billi matul il-proċedura baġitarja tal-2025 intlaħaq ftehim li jiġi segwit valur referenzjali ta' 50:50 (nofs bin-nofs), jiġifieri li l-kostijiet żejda jiġu ffinanzjati f'ishma ugwali mill-kompartiment speċjali tad-diżimpenn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u mill-Istrument ta' Flessibbiltà;	C. billi l-kostijiet tas-self għal Next Generation EU jridu jiġġarrbu mill-baġit tal-UE u l-kostijiet reali jaqbżu sew il-projezzjonijiet tal-2020 ***ta' 0,55 % u 1,15 %, meta mqabbla mat-3 % fl-2023,*** b'riżultat ***ta' kalkolu ħażin serju tal-evoluzzjonijiet*** tar-rati tal-imgħax; billi l-Parlament insista li l-kostijiet ta' rifinanzjament jitqiegħdu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP; billi ġie introdott "mekkaniżmu kaskata" fi tliet stadji li jinkludi strument speċjali ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru (EURI) fil-kuntest tar-reviżjoni tal-QFP 2024 biex ikopri l-kostijiet żejda li jirriżultaw mis-self ta' Next Generation EU; billi matul il-proċedura baġitarja tal-2025 intlaħaq ftehim li jiġi segwit valur referenzjali ta' 50:50 (nofs bin-nofs), jiġifieri li l-kostijiet żejda jiġu ffinanzjati f'ishma ugwali mill-kompartiment speċjali tad-diżimpenn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u mill-Istrument ta' Flessibbiltà;

Or. en

Emenda 28
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kostijiet tas-self għal Next Generation EU jridu jiġġarrbu mill-baġit tal-UE u l-kostijiet reali jaqbżu sew il-projezzjonijiet tal-2020 b'riżultat tar-rati tal-imgħax għoljin; billi l-Parlament insista li l-kostijiet ta' rifinanzjament jitqiegħdu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP; billi ġie introdott "mekkaniżmu kaskata" fi tliet stadji li jinkludi strument speċjali ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru (EURI) ***fil-kuntest tar-reviżjoni*** tal-QFP 2024 biex ikopri l-kostijiet żejda li jirriżultaw mis-self ta' Next Generation EU; billi matul il-proċedura baġitarja tal-2025 intlaħaq ftehim li jiġi segwit valur referenzjali ta' 50:50 (nofs bin-nofs), jiġifieri li l-kostijiet żejda jiġu ffinanzjati f'ishma ugwali mill-kompartiment speċjali tad-diżimpenn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u mill-Istrument ta' Flessibbiltà;	C. billi l-kostijiet tas-self għal Next Generation EU jridu jiġġarrbu mill-baġit tal-UE u l-kostijiet reali jaqbżu sew il-projezzjonijiet tal-2020 b'riżultat tar-rati tal-imgħax għoljin; billi l-Parlament insista li l-kostijiet ta' rifinanzjament jitqiegħdu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP; billi ġie introdott "mekkaniżmu kaskata" fi tliet stadji li jinkludi strument speċjali ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru (EURI) ***matul ir-reviżjoni*** tal-QFP 2024 biex ikopri l-kostijiet żejda ***sinifikanti*** li jirriżultaw mis-self ta' Next Generation EU ***marbuta ma' bidliet kbar fil-kundizzjonijiet tas-suq***; billi matul il-proċedura baġitarja tal-2025 intlaħaq ftehim li jiġi segwit valur referenzjali ta' 50:50 (nofs bin-nofs), jiġifieri li l-kostijiet żejda jiġu ffinanzjati f'ishma ugwali mill-kompartiment speċjali tad-diżimpenn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u mill-Istrument ta' Flessibbiltà;

Or. en

Emenda 29
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kostijiet tas-self għal Next Generation EU jridu jiġġarrbu mill-baġit tal-UE u l-kostijiet reali jaqbżu sew il-projezzjonijiet tal-2020 b'riżultat tar-rati tal-imgħax għoljin; billi l-Parlament insista li l-kostijiet ta' rifinanzjament jitqiegħdu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP; billi ġie introdott "mekkaniżmu kaskata" fi tliet stadji li jinkludi strument speċjali ġdid tal-	C. billi l-kostijiet tas-self għal Next Generation EU jridu jiġġarrbu mill-baġit tal-UE u l-kostijiet reali jaqbżu sew il-projezzjonijiet tal-2020 b'riżultat tar-rati tal-imgħax għoljin ***deċiżi mill-Bank Ċentrali Ewropew***; billi l-Parlament insista li l-kostijiet ta' rifinanzjament jitqiegħdu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP; billi ġie introdott "mekkaniżmu kaskata" fi tliet

Unjoni Ewropea għall-irkupru (EURI) fil-kuntest tar-reviżjoni tal-QFP 2024 biex ikopri l-kostijiet żejda li jirriżultaw mis-self ta' Next Generation EU; billi matul il-proċedura baġitarja tal-2025 intlaħaq ftehim li jiġi segwit valur referenzjali ta' 50:50 (nofs bin-nofs), jiġifieri li l-kostijiet żejda jiġu ffinanzjati f'ishma ugwali mill-kompartiment speċjali tad-diżimpenn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u mill-Istrument ta' Flessibbiltà;	stadji li jinkludi strument speċjali ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru (EURI) fil-kuntest tar-reviżjoni tal-QFP 2024 biex ikopri l-kostijiet żejda li jirriżultaw mis-self ta' Next Generation EU; billi matul il-proċedura baġitarja tal-2025 intlaħaq ftehim li jiġi segwit valur referenzjali ta' 50:50 (nofs bin-nofs), jiġifieri li l-kostijiet żejda jiġu ffinanzjati f'ishma ugwali mill-kompartiment speċjali tad-diżimpenn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u mill-Istrument ta' Flessibbiltà;
	Or. pt

Emenda 30
Julien Sanchez, Angéline Furet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kostijiet tas-self għal Next Generation EU jridu jiġġarrbu mill-baġit tal-UE u l-kostijiet reali jaqbżu sew il-projezzjonijiet tal-2020 b'riżultat tar-rati tal-imgħax għoljin; billi l-Parlament insista li l-kostijiet ta' rifinanzjament jitqiegħdu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP; billi ġie introdott "mekkaniżmu kaskata" fi tliet stadji li jinkludi strument speċjali ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru (EURI) fil-kuntest tar-reviżjoni tal-QFP 2024 biex ikopri l-kostijiet żejda li jirriżultaw mis-self ta' Next Generation EU; billi matul il-proċedura baġitarja tal-2025 intlaħaq ftehim li jiġi segwit valur referenzjali ta' 50:50 (nofs bin-nofs), jiġifieri li l-kostijiet żejda jiġu ffinanzjati f'ishma ugwali mill-kompartiment speċjali tad-diżimpenn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u mill-Istrument ta' Flessibbiltà;	C. billi l-kostijiet tas-self għal Next Generation EU jridu jiġġarrbu mill-baġit tal-UE u l-kostijiet reali jaqbżu sew il-projezzjonijiet tal-2020 b'riżultat tar-rati tal-imgħax għoljin; billi l-Parlament insista li l-kostijiet ta' rifinanzjament jitqiegħdu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP; billi ġie introdott "mekkaniżmu kaskata" fi tliet stadji li jinkludi strument speċjali ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru (EURI) fil-kuntest tar-reviżjoni tal-QFP 2024 biex ikopri l-kostijiet żejda li jirriżultaw mis-self ta' Next Generation EU; billi matul il-proċedura baġitarja tal-2025***, għad-detriment tal-kontribwent Ewropew,*** intlaħaq ftehim li jiġi segwit valur referenzjali ta' 50:50 (nofs bin-nofs), jiġifieri li l-kostijiet żejda jiġu ffinanzjati f'ishma ugwali mill-kompartiment speċjali tad-diżimpenn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u mill-Istrument ta' Flessibbiltà;
	Or. fr

Emenda 31
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi sal-lum, għadu ma sar l-ebda pjan ta' ħlas lura biex jindirizza d-dejn komuni Ewropew;

Or. en

Emenda 32
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-QEA, fir-rapport annwali tagħha dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2023, wissiet li ż-żieda fid-dejn Ewropew qed tpoġġi pressjoni dejjem akbar fuq il-baġit tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 33
Ruggero Razza, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri kienu ppreżentaw 95 talba għal pagament u l-livell ta' żborżi tal-RRF inkluż il-prefinanzjament kien ta' EUR 197,46 biljun f'għotjiet (55 % tal-pakkett totali tal-għotjiet) u	D. billi sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri kienu ppreżentaw 95 talba għal pagament u l-livell ta' żborżi tal-RRF inkluż il-prefinanzjament kien ta' EUR 197,46 biljun f'għotjiet (55 % tal-pakkett totali tal-għotjiet) u

EUR 108,68 biljun f'self (37 % tal-pakkett totali tas-self); billi tliet Stati Membri diġà rċevew il-ħames pagament tagħhom, filwaqt li Stat Membru wieħed ma rċieva l-ebda finanzjament fl-ambitu tal-RRF; billi l-Istati Membri kollha rrevedew il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs) tagħhom mill-anqas darba; billi 28 % tal-miri u l-istadji importanti ntlaħqu b'mod sodisfaċenti u l-Kummissjoni għamlet użu mill-possibbiltà li tissospendi parzjalment il-pagamenti meta nstab li xi miri u stadji importanti marbuta ma' talba għal pagament ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti;	EUR 108,68 biljun f'self (37 % tal-pakkett totali tas-self); billi tliet Stati Membri diġà rċevew il-ħames pagament tagħhom, filwaqt li Stat Membru wieħed ma rċieva l-ebda finanzjament fl-ambitu tal-RRF; billi l-Istati Membri kollha rrevedew il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs) tagħhom mill-anqas darba ***u li fis-sena attwali huwa xieraq li l-Istati Membri jipproċedu, sabiex jilħqu l-objettiv tan-nefqa, għal riprogrammazzjoni ulterjuri, fejn din tkun possibbli. F'konformità mal-għanijiet tat-tnedija mill-ġdid tal-kompetittività tal-UE, skont dak li ġie ddikjarat mill-Kummissjoni Ewropea fil-Boxxla għall-Kompetittività***; billi 28 % tal-miri u l-istadji importanti ntlaħqu b'mod sodisfaċenti u l-Kummissjoni għamlet użu mill-possibbiltà li tissospendi parzjalment il-pagamenti meta nstab li xi miri u stadji importanti marbuta ma' talba għal pagament ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti;
	Or. it

Emenda 34
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri kienu ppreżentaw 95 talba għal pagament u l-livell ta' żborżi tal-RRF inkluż il-prefinanzjament kien ta' EUR 197,46 biljun f'għotjiet (***55 %*** tal-pakkett totali tal-għotjiet) u EUR 108,68 biljun f'self (37 % tal-pakkett totali tas-self); billi tliet Stati Membri diġà rċevew il-ħames pagament tagħhom, filwaqt li Stat Membru wieħed ma rċieva l-ebda finanzjament fl-ambitu tal-RRF; billi l-Istati Membri kollha rrevedew il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza	D. billi sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri kienu ppreżentaw 95 talba għal pagament u l-livell ta' żborżi tal-RRF inkluż il-prefinanzjament kien ta' EUR 197,46 biljun f'għotjiet (***55 %*** tal-pakkett totali tal-għotjiet) u EUR 108,68 biljun f'self (37 % tal-pakkett totali tas-self); billi tliet Stati Membri diġà rċevew il-ħames pagament tagħhom, filwaqt li Stat Membru wieħed ma rċieva l-ebda finanzjament fl-ambitu tal-RRF; billi l-Istati Membri kollha rrevedew il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza

(NRRPs) tagħhom mill-anqas darba; billi 28 % tal-miri u l-istadji importanti ntlaħqu b'mod sodisfaċenti u l-Kummissjoni għamlet użu mill-possibbiltà li tissospendi parzjalment il-pagamenti meta nstab li xi miri u stadji importanti marbuta ma' talba għal pagament ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti;	(NRRPs) tagħhom mill-anqas darba; billi 28 % tal-miri u l-istadji importanti ntlaħqu b'mod sodisfaċenti u l-Kummissjoni għamlet użu mill-possibbiltà li tissospendi parzjalment il-pagamenti meta nstab li xi miri u stadji importanti marbuta ma' talba għal pagament ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti; ***billi d-dewmien fl-eżekuzzjoni ta' riformi u investimenti ppjanati, b'mod partikolari fl-infrastruttura soċjali u s-servizzi pubbliċi, jista' jwassal għal sottoutilizzazzjoni tar-riżorsi disponibbli, u b'hekk inaqqas l-impatt mistenni fuq it-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi, u l-koeżjoni soċjali;***
	Or. en

Emenda 35
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-QEA esprimiet tħassib dwar ir-rati ta' assorbiment tal-fondi tal-RRF, il-kontribuzzjoni reali tal-miżuri għall-objettivi tal-RRF u r-riskji ta' finanzjament doppju u s-sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti;
	Or. en

Emenda 36
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-Istati Membri kisbu livelli differenti ta' progress fl-implimentazzjoni

tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs) tagħhom;

Or. pt

Emenda 37
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-proġetti stabbiliti fl-NRRPs kellhom problemi bħala riżultat ta' sfidi marbuta mal-akkwist pubbliku, sejħiet għal offerti mingħajr offerti, problemi li jaffettwaw is-settur tal-kostruzzjoni, nuqqasijiet ta' materja prima u flutwazzjonijiet tal-prezzijiet tas-suq;

Or. pt

Emenda 38
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi r-rapport speċjali 13/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri sab li l-Istati Membri kienu qed ibatu biex jassorbu l-ammont sħiħ ta' fondi allokati sal-31 ta' Awwissu 2026, bi proġetti f'riskju serju ta' dewmien fit-tlestija;

Or. pt

Emenda 39
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi sistemi robusti ta' awditu u kontroll huma kruċjali biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-RRF; billi l-istadji importanti komunement magħrufa bħala "stadji importanti ħafna", b'mod partikolari dawk relatati mal-istat tad-dritt, kellhom jintlaħqu qabel kwalunkwe żborż tal-RRF;	E. billi sistemi robusti ta' awditu u kontroll huma kruċjali biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-RRF; billi l-istadji importanti komunement magħrufa bħala "stadji importanti ħafna", b'mod partikolari dawk relatati mal-istat tad-dritt, kellhom jintlaħqu qabel kwalunkwe żborż tal-RRF; ***billi, f'xi każijiet, il-Kummissjoni qieset dawn l-istadji importanti ħafna bħala mwettqa mingħajr prova tanġibbli u abbażi ta' weġħdiet politiċi biss;***

Or. en

Emenda 40
Julien Sanchez, Angéline Furet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi sistemi robusti ta' awditu u kontroll huma kruċjali biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-RRF; ***billi l-istadji importanti komunement magħrufa bħala "stadji importanti ħafna", b'mod partikolari dawk relatati mal-istat tad-dritt, kellhom jintlaħqu qabel kwalunkwe żborż tal-RRF;***	E. billi sistemi robusti ta' awditu u kontroll huma kruċjali biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-RRF;

Or. fr

Emenda 41
Karlo Ressler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi r-Regolament RRF jirreferi għan-"natura msejsa fuq il-prestazzjoni " tal-RRF mingħajr ma jiddefinixxi xi tfisser il-prestazzjoni; billi l-prestazzjoni hija marbuta ma' prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u hija miżura ta' kemm azzjoni, proġett jew programm iffinanzjat mill-UE jkun issodisfa b'mod tajjeb l-objettivi tiegħu u kemm jipprovdi valur għall-flus;

Or. en

Emenda 42
Siegfried Mureşan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi xi Stati Membri ddependew fuq l-istess korpi għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u tal-RRF, filwaqt li oħrajn daħħlu fis-seħħ mudelli ta' governanza ġodda għall-RRF;

Or. en

Emenda 43
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-kontroll demokratiku effettiv u l-iskrutinju parlamentari fuq l-implimentazzjoni tal-RRF jirrikjedu l-	***imħassar***

involviment sħiħ tal-Parlament u l-kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha tiegħu fl-istadji kollha;

Or. it

Emenda 44
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-kontroll demokratiku effettiv u l-iskrutinju parlamentari fuq l-implimentazzjoni tal-RRF jirrikjedu l-involviment sħiħ tal-Parlament u l-kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha tiegħu fl-istadji kollha;	F. billi l-kontroll demokratiku effettiv u l-iskrutinju parlamentari fuq l-implimentazzjoni tal-RRF jirrikjedu l-involviment sħiħ tal-Parlament u l-kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha tiegħu fl-istadji kollha; ***billi tali rakkomandazzjonijiet mill-Parlament għandhom jibqgħu fi ħdan il-kompetenzi tal-UE u ma għandhomx jużaw standards doppji;***

Or. en

Emenda 45
Karlo Ressler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi, abbażi tal-prinċipju tat-trasparenza tar-Regolament Finanzjarju, iċ-ċittadini għandhom ikunu jafu fejn u għal liema għan qed jintefqu l-fondi mill-Unjoni;

Or. en

Emenda 46
Julien Sanchez, Angéline Furet, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-Kummissjoni trid tipprovdi rapport ta' evalwazzjoni ex post indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-RRF sal-31 ta' Diċembru 2028, li jikkonsisti f'valutazzjoni globali tal-RRF u li jkun fih informazzjoni dwar l-impatt tagħha fit-tul;	G. billi l-Kummissjoni trid tipprovdi rapport ta' evalwazzjoni ex post indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-RRF sal-31 ta' Diċembru 2028, li jikkonsisti f'valutazzjoni globali tal-RRF u li jkun fih informazzjoni dwar l-impatt tagħha fit-tul ***kif ukoll dwar il-każijiet ta' frodi identifikati, il-mekkaniżmi użati għat-twettiq tagħhom u karta bilanċjali kwantitattiva u kwalitattiva tal-mezzi implimentati mill-Kummissjoni biex tikkontrolla l-użu xieraq tal-fondi tal-RRF***;

Or. fr

Emenda 47
Karlo Ressler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-Kummissjoni trid tipprovdi rapport ta' evalwazzjoni ex post indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-RRF sal-31 ta' Diċembru 2028, li jikkonsisti f'valutazzjoni globali tal-RRF u li jkun fih informazzjoni dwar l-impatt tagħha fit-tul;	G. billi l-Kummissjoni trid tipprovdi rapport ta' evalwazzjoni ex post indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-RRF sal-31 ta' Diċembru 2028, li jikkonsisti ***f'valutazzjoni dwar sa liema punt ikunu ntlaħqu l-objettivi, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew, kif ukoll*** f'valutazzjoni globali tal-RRF u li jkun fih informazzjoni dwar l-impatt tagħha fit-tul;

Or. en

Emenda 48
Pascal Canfin, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi r-rapport speċjali 14/2024 tal-QEA żvela nuqqasijiet fit-tfassil tal-RRF u l-implimentazzjoni ta' miżuri tat-tranżizzjoni ekoloġika, billi l-QEA interpretat il-koeffiċjenti għall-klima b'mod li wassal għal konklużjoni ta' stimi eċċessivi ta' ammonti allokati għall-azzjoni klimatika u li wera nuqqasijiet f'termini ta' trasparenza u rappurtar li jeħtieġ li jiġu indirizzati;

Or. en

Emenda 49
Costas Mavrides, Francisco Assis, Carla Tavares, Claire Fita, Jonás Fernández, Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-RRF, wera li huwa strument vitali biex tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni makroekonomika fil-livell tal-UE fid-dawl ta' kriżijiet multipli mill-2019, biex tittejjeb ir-reżiljenza interna u esterna, u biex l-Istati Membri jiġu appoġġjati fil-finanzjament ta' investimenti essenzjali u strateġiċi fi ħdan l-Unjoni;

Or. en

Emenda 50
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-għan ta' dan ir-rapport huwa li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-RRF, skont ir-rwol tal-PE kif stabbilit fir-Regolament RRF, filwaqt li jindika l-benefiċċji u n-nuqqasijiet, u jagħmel użu mit-tagħlimiet miksuba mill-implimentazzjoni tal-RRF;

Or. en

Emenda 51
Anouk Van Brug, Joachim Streit, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-bonds maħruġa biex jiffinanzjaw l-RRF għandhom jitħallsu lura b'mod li jiżgura t-tnaqqis kostanti u prevedibbli tal-obbligazzjonijiet, sa mhux aktar tard mill-2058;

Or. en

Emenda 52
Pascal Canfin, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u ekonomika tal-Ewropa	It-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali***, ambjentali*** u ekonomika tal-Ewropa

Or. en

Emenda 53
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibgħat fi żmien tliet xhur, proposta biex temenda r-Regolament (UE) 2021/241 li tinkorpora estensjoni tal-perjodu għall-implimentazzjoni tal-RRF sal-31 ta' Awwissu 2028;

Or. pt

Emenda 54
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1a. Huwa tal-fehma li, f'diversi każijiet, l-objettivi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 imorru kontra l-ħtiġijiet strutturali u ta' investiment tal-Istati Membri, u għalhekk jitlob li każijiet bħal dawn jitqiesu fir-reviżjoni proposta;

Or. pt

Emenda 55
Angéline Furet, Julien Sanchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 56
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza ***l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi*** ekonomiċi u soċjali negattivi u ***jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***;	1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza ***n-nuqqas ta' data konklużiva dwar l-effettività tagħha; jesprimi tħassib li l-benefiċċji perċepiti tagħha, jiġifieri li jittaffew il-konsegwenzi*** ekonomiċi u soċjali negattivi u ***li jiġu appoġġjati l-baġits tal-gvernijiet li ma jaqgħux fl-ambitu jew fl-għanijiet tal-RRF, li huma li jiġi appoġġjat l-irkupru ekonomiku, li tingħata spinta lir-reżiljenza, u li jitrawwem it-tkabbir sostenibbli; jissottolinja li t-tkabbir ekonomiku fl-UE għadu lura ħafna meta mqabbel mat-tkabbir ta' ekonomiji tas-suq żviluppati oħra***;

Or. en

Emenda 57
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jenfasizza l-fatt*** li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi ***l-konsegwenzi*** ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja ***lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***;	1. ***Jinnota*** li l-RRF hija strument ***temporanju*** bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi***, sa ċertu punt, il-konsegwenzi*** ekonomiċi u soċjali negattivi ***fuq terminu qasir*** u jappoġġja ***liċ-ċittadini u n-negozji; jenfasizza li l-RRF serviet bħala assigurazzjoni għas-swieq finanzjarji fi żminijiet turbulenti***;

Or. en

Emenda 58
Monika Hohlmeier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ***ta'*** solidarjetà fid-dawl ta' ***żewġ kriżijiet bla preċedent*** u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	l. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument ***għal kriżi*** bla preċedent ***li joffri*** solidarjetà fid-dawl ta' ***sitwazzjoni pandemika*** u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ***u jippromwovi l-kompetittività u l-innovazzjon***i;

Or. en

Emenda 59
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet ***billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***;	1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet;

Or. en

Emenda 60
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li ***jtaffi*** l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika ***u soċjali*** kbira, peress li ***jgħin biex itaffi*** l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

jinnota li ntlaħaq ftehim dwar il-ħolqien tal-RRF u l-livell ta' finanzjament tagħha biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi multipli tal-pandemija tal-COVID-19, għalkemm minn dak iż-żmien intużat biex tindirizza kriżijiet u ħtiġijiet ulterjuri;

Or. en

Emenda 61
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; ***jilqa' t-tagħlimiet misluta mir-rispons tal-UE għall-kriżijiet reċenti, filwaqt li jenfasizza l-bidla mill-miżuri fiskali restrittivi meħuda waqt il-kriżi tad-dejn sovran għall-approċċ aktar bilanċjat u orjentat lejn l-investiment adottat wara l-pandemija tal-COVID-19; jisħaq li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kellha rwol ċentrali fis-salvagwardja tal-impjiegi, fl-appoġġ tal-attività ekonomika, u fil-mitigazzjoni tal-konsegwenzi soċjali, li juri l-valur ta' strateġija Ewropea koordinata li tikkombina r-riformi ma' investimenti mmirati biex jitrawmu r-reżiljenza u t-tkabbir fit-tul;***

Or. en

Emenda 62
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; ***jenfasizza li l-introduzzjoni tal-RRF ipprovdiet stabbilizzazzjoni makroekonomika sinifikanti billi naqqset il-kostijiet tas-self għal pajjiżi b'dejn għoli, naqqset id-differenzi fir-rendimenti, u tejbet il-fiduċja tal-investituri f'Unjoni li għandha nuqqas strutturali ta' stabilizzaturi awtomatiċi komuni permanenti, li jagħmilha vulnerabbli għal xokkijiet u diverġenzi ekonomiċi bejn l-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 63
Anouk Van Brug, Joachim Streit, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-	1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ***u eċċezzjonali*** ta'

dawl ta’ żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta’ inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	solidarjetà fid-dawl ta’ żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta’ inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; ***jinnota li l-RRF tfasslet bħala strument immirat u limitat biż-żmien, li tirreaġixxi għal kundizzjonijiet speċifiċi ta’ kriżi, u jenfasizza l-importanza li nitgħallmu mill-implimentazzjoni tagħha għal ippjanar finanzjarju futur tal-UE;***
	Or. en

Emenda 64
Pascal Canfin, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta’ solidarjetà fid-dawl ta’ żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta’ inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta’ solidarjetà fid-dawl ta’ żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta’ inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; ***ifaħħar il-fatt li l-RRF tfasslet biex tappoġġja l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni doppja, dik ekoloġika u dik diġitali, sabiex l-ekonomija tagħna tkun tista’ tlaħħaq mal-pandemija u l-gwerra ta’ aggressjoni fl-Ukrajna u terġa’ tinbena fuq bażi aktar reżiljenti u kompetittiva;***

Or. en

Emenda 65
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	l. Jenfasizza l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent***, temporanju u ta' darba*** ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Or. en

Emenda 66
Sandra Gómez López, Jonás Fernández, Jean-Marc Germain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li l-RRF kellha rwol strumentali fil-prevenzjoni tal-frammentazzjoni tas-suq intern u l-approfondiment ulterjuri tad-divergenza makroekonomika, u fit-trawwim tal-koeżjoni soċjali u territorjali;

Or. en

Emenda 67

Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li fil-kuntest tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika, is-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għandu jkun konsistenti mal-impenji inklużi fl-NRRPs approvati matul il-perjodu ta' operazzjoni tal-RRF u l-Ftehim ta' Sħubija skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni[11]; josserva li l-ħames Stati Membri li talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament sal-31 ta' Diċembru 2024 iddependew fuq ir-riformi u l-investimenti diġà approvati fl-ambitu tal-RRF biex jiġġustifikaw l-estensjoni; jieħu nota tal-fatt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri inkludew informazzjoni dwar jekk ir-riformi u l-investimenti elenkati fil-	5. Jenfasizza li fil-kuntest tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika, is-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għandu jkun konsistenti mal-impenji inklużi fl-NRRPs approvati matul il-perjodu ta' operazzjoni tal-RRF u l-Ftehim ta' Sħubija skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni[11]; josserva li l-ħames Stati Membri li talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament sal-31 ta' Diċembru 2024 iddependew ***parzjalment*** fuq ir-riformi u l-investimenti diġà approvati fl-ambitu tal-RRF biex jiġġustifikaw l-estensjoni; jieħu nota tal-fatt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri inkludew informazzjoni dwar jekk ir-riformi u l-investimenti elenkati fil-

pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju humiex marbuta mal-RRF;

[11] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju humiex marbuta mal-RRF;

[11] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

Or. en

Emenda 100
Joachim Streit, Engin Eroglu, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jilqa' l-fatt*** li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota ***li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb*** li l-perjodu ***qasir*** għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF ***mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar***;	6. ***Jirrikonoxxi*** li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' enfasi strateġika fuq l-effiċjenza, l-effettività, u riżultati li jistgħu jitkejlu;*** jinnota ***bi tħassib*** li l-perjodu ***ta' żmien limitat*** għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF ***joħloq sfidi għat-tlestija tar-riformi ewlenin u l-investimenti fuq skala kbira, u jitlob prijoritizzazzjoni tal-proġetti li jwasslu għal benefiċċji ekonomiċi fit-tul, itejbu l-kompetittività, u jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali***;

Or. en

Emenda 101
Anouk Van Brug, Joachim Streit, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; ***jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti*** l-implimentazzjoni ***ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar***;	6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; ***jiġbed l-attenzjoni għad-dewmien fl-iżborż tal-fondi u*** l-implimentazzjoni ***tal-proġetti***;

Or. en

Emenda 102
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jilqa' l-fatt*** li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. ***Jinnota*** li l-RRF ***għandha l-għan li*** tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar***, b'mod partikolari minħabba l-fatt li ħafna riformi u investimenti importanti għandhom jiġu ffinalizzati lejn l-aħħar tal-RRF***;

Or. en

Emenda 103

Julien Sanchez, Angéline Furet, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jilqa' l-fatt*** li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. ***jieħu nota tal-fatt*** li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;

Or. fr

Emenda 104
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir***; jirrikonoxxi l-isfidi ffaċċjati mill-Istati Membri iżda jistidinhom iżidu l-isforzi tagħhom fl-implimentazzjoni tal-NRRPs tagħhom***; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar; ***jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dan ir-riskju permezz ta' miżuri xierqa u f'waqthom;***

Or. en

Emenda 105

Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar ***affettwati mill-gwerra fl-Ukrajna u minn tfixkil fil-katina tal-valur***; ***jemmen li jeħtieġ li titħaffef it-trasformazzjoni tas-sostenibbiltà u li tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-investiment, billi l-Ewropa tiddependi minn riżorsi kritiċi; iqis li speċjalment l-investimenti aktar riskjużi fit-teknoloġiji sostenibbli u d-dekarbonizzazzjoni jeħtieġu aktar żmien għall-implimentazzjoni tagħhom;***

Or. en

Emenda 106
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar; ***jistieden lill-Kummissjoni biex, fejn xieraq, tagħmel użu mill-possibbiltà li tirkupra l-fondi jekk il-proġetti ma jiġux***

implimentati skont l-iskeda;

Or. en

Emenda 107
Enikő Győri, Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar; ***jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex tesplora u tressaq soluzzjonijiet possibbli għall-estensjoni tal-iskadenza għall-implimentazzjoni tal-RRF;***

Or. en

Emenda 108
Karlo Ressler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw approċċ strateġiku u***

komprensiv sabiex jimplimentaw bis-sħiħ l-RRF;

Or. en

Emenda 109
Siegfried Mureşan, Victor Negrescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar ***u tal-bqija tat-72 % tal-istadji importanti u l-miri li ma twettqux***;

Or. en

Emenda 110
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar***,*** ***dment li ma jsirux estensjonijiet ġustifikati***;

Or. it

Emenda 111
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Huwa tal-opinjoni li l-implimentazzjoni tal-RRF għadha lura; jissottolinja li d-dewmien ikkawżat mir-reviżjonijiet tal-NRRPs inħoloq flimkien ma' dewmien eżistenti, kif muri mid-differenzi sinifikanti bejn il-kalendarju previst ta' talbiet għal pagamenti u t-trażmissjoni reali ta' dawn it-talbiet mill-Istati Membri lill-Kummissjoni; ifakkar li t-tieni nofs tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF huwa aktar diffiċli b'żieda fl-għadd ta' stadji importanti u miri, bidla minn riformi għal investimenti u stadji aktar avvanzati ta' implimentazzjoni, u proporzjon għoli ta' miżuri li għandhom jitlestew fl-aħħar sena;

Or. en

Emenda 112
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Ifakkar li n-nefqa tal-RRF ma għandhiex tissostitwixxi nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti, sakemm dan ma jkunx debitament ġustifikat, u għandha tirrispetta l-prinċipju tal-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni; jenfasizza l-

	utilità tal-limitazzjoni tal-investimenti għan-nefqa mhux rikorrenti filwaqt li jinnota li sfortunatament intużat l-eċċezzjoni; jinsisti li l-implimentazzjoni soda tan-nuqqas ta' rikorrenza flimkien mal-immirar tal-prijoritajiet politiċi Ewropej f'riformi u investimenti hija essenzjali biex jiġu żgurati l-addizzjonalità u l-effett fit-tul ta' fondi Ewropej addizzjonali;

Or. en

Emenda 113
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jenfasizza*** li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;	7. ***Jesprimi dispjaċir dwar il-fatt*** li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien ***sinifikanti*** fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ***u b'hekk fixklu l-objettivi fundamentali tagħha***; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;

Or. en

Emenda 114
Karlo Ressler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;	7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni***, u b'hekk fixklu r-rwol tagħha fl-iżvilupp reġjonali madwar l-UE***; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra***, billi l-politika ta' koeżjoni tibqa' essenzjali għal koeżjoni u konverġenza territorjali sostenibbli u fit-tul***;
	Or. en

Emenda 115
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;	7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri***, imsaħħa bin-nuqqas ta' diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika f'ċerti stati Membri,*** u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra; ***iqis li meta r-riċevituri finali tal-fondi tal-RRF ikunu intrapriżi kbar u gruppi ta' negozju, jista' jkun hemm dubji dwar il-prinċipju tal-addizzjonalità billi d-daqs u l-kapaċità finanzjarja ta' tali entitajiet tippermetti l-***

"awtofinanzjament" tal-investimenti tagħhom, mingħajr ma jkollhom jirrikorru lejn l-appoġġ finanzjarju tal-Fond;

Or. en

Emenda 116
Ľudovít Ódor, Anouk Van Brug, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;	7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra; ***jitlob, f'dan il-kuntest, valutazzjoni komprensiva tal-istrumenti finanzjarji u l-investimenti pubbliċi l-oħra mhux iżolanti tal-RRF, tal-appoġġ tekniku, tal-kapaċitajiet amministrattivi u tal-kapaċitajiet ta' assorbiment tal-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 117
Julien Sanchez, Angéline Furet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-	7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-

implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;	implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ***jistieden lill-Kummissjoni tiġġestixxi l-fondi hija stess, biex issegwi l-politiki tagħha u ma tgħaddix il-piż lill-Istati Membri, li huwa ċar li xi wħud minnhom ma jistgħux jassumu dan il-piż tax-xogħol u b'hekk tinħoloq RRF b'żewġ livelli;*** ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;
	Or. fr

Emenda 118
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;	7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ***jenfasizza li dan juri l-limiti tal-istrumenti bħall-RRF;*** ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità u jappella kontra l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;
	Or. en

Emenda 119
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Ifakkar li, b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-reviżjoni ta' REPowerEU tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa billi tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili, tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tagħha, tindirizza l-faqar enerġetiku u tinvesti fl-iffrankar tal-enerġija; jenfasizza li permezz ta' REPowerEU, saru disponibbli EUR 20 biljun addizzjonali f'għotjiet fl-2023, inklużi EUR 8 biljun iġġenerati mill-frontloading tal-kwoti tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u EUR 12-il biljun mill-Fond għall-Innovazzjoni; jenfasizza s-suċċessi tal-Parlament fin-negozjati, b'mod partikolari dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikostituzzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni, il-mira ta' finanzjament ta' 30 % għall-proġetti transfruntiera, l-enfasi tal-investimenti fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-mikrointrapriżi, u l-użu flessibbli tal-fondi ta' koeżjoni mhux minfuqa mill-QFP 2014-2020 u sa 7,5 % tal-allokazzjonijiet nazzjonali fl-ambitu tal-QFP 2021-2027;	8. Ifakkar li, b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-reviżjoni ta' REPowerEU tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa billi tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili, tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tagħha, tindirizza l-faqar enerġetiku u tinvesti fl-iffrankar tal-enerġija; jenfasizza li permezz ta' REPowerEU, saru disponibbli EUR 20 biljun addizzjonali f'għotjiet fl-2023, inklużi EUR 8 biljun iġġenerati mill-frontloading tal-kwoti tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u EUR 12-il biljun mill-Fond għall-Innovazzjoni; jenfasizza s-suċċessi tal-Parlament fin-negozjati, b'mod partikolari dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikostituzzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni, il-mira ta' finanzjament ta' 30 % għall-proġetti transfruntiera, l-enfasi tal-investimenti fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-mikrointrapriżi, u l-użu flessibbli tal-fondi ta' koeżjoni mhux minfuqa mill-QFP 2014-2020 u sa 7,5 % tal-allokazzjonijiet nazzjonali fl-ambitu tal-QFP 2021-2027; ***jenfasizza li l-investimenti sostenibbli ma għandhomx ikunu limitati biss għall-effiċjenza enerġetika u n-networks jew il-mobbiltà billi ekonomija kompetittiva ġdida hija mibnija fuq soluzzjonijiet ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;***

Or. en

Emenda 120
Costas Mavrides, Francisco Assis, Carla Tavares, Claire Fita, Jonás Fernández, Thomas

Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Ifakkar li, b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-reviżjoni ta' REPowerEU tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa billi tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili, tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tagħha, tindirizza l-faqar enerġetiku u tinvesti fl-iffrankar tal-enerġija; jenfasizza li permezz ta' REPowerEU, saru disponibbli EUR 20 biljun addizzjonali f'għotjiet fl-2023, inklużi EUR 8 biljun iġġenerati mill-frontloading tal-kwoti tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u EUR 12-il biljun mill-Fond għall-Innovazzjoni; jenfasizza s-suċċessi tal-Parlament fin-negozjati, b'mod partikolari dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikostituzzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni, il-mira ta' finanzjament ta' 30 % għall-proġetti transfruntiera, l-enfasi tal-investimenti fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-mikrointrapriżi, u l-użu flessibbli tal-fondi ta' koeżjoni mhux minfuqa mill-QFP 2014-2020 u sa 7,5 % tal-allokazzjonijiet nazzjonali fl-ambitu tal-QFP 2021-2027;	8. Ifakkar li, b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-reviżjoni ta' REPowerEU tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa billi tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili, tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tagħha***, tinvesti fir-riżorsi indiġeni u l-infrastruttura tagħha stess***, tindirizza l-faqar enerġetiku u tinvesti fl-iffrankar tal-enerġija; jenfasizza li permezz ta' REPowerEU, saru disponibbli EUR 20 biljun addizzjonali f'għotjiet fl-2023, inklużi EUR 8 biljun iġġenerati mill-frontloading tal-kwoti tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u EUR 12-il biljun mill-Fond għall-Innovazzjoni; jenfasizza s-suċċessi tal-Parlament fin-negozjati, b'mod partikolari dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikostituzzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni, il-mira ta' finanzjament ta' 30 % għall-proġetti transfruntiera, l-enfasi tal-investimenti fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-mikrointrapriżi, u l-użu flessibbli tal-fondi ta' koeżjoni mhux minfuqa mill-QFP 2014-2020 u sa 7,5 % tal-allokazzjonijiet nazzjonali fl-ambitu tal-QFP 2021-2027;

Or. en

Emenda 121
Julien Sanchez, Angéline Furet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk jiddispjaċih rigward in-nuqqas ta' proġetti transfruntiera vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 122
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie, Jaroslava Pokorná Jermanová, Julien Sanchez, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk jiddispjaċih rigward in-nuqqas*** ta' proġetti ***transfruntiera vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament***;	9. ***Jirrikonoxxi l-importanza*** ta' proġetti ***transfruntieri, iżda jfakkar li, fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri huma fl-aqwa pożizzjoni biex jifhmu liema sfidi qed jiffaċċjaw l-ekonomiji tagħhom u bħala konsegwenza, liema tip ta' investimenti u riformi għandhom jiġu implimentati fil-qafas tal-NRRPs rispettivi tagħhom***;

Or. en

Emenda 123
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew ***u għalhekk jiddispjaċih rigward in-nuqqas ta' proġetti transfruntiera vijabbli u r-riskju relatat***	9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew;

ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament;

Or. it

Emenda 124
Siegfried Mureşan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jiddispjaċih rigward in-nuqqas*** ta' ***proġetti transfruntiera*** vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament;	9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jesprimi dispjaċir għan-nuqqas*** ta' ***miżuri transfruntieri jew multinazzjonali*** vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament; ***ifakkar fil-modifika tar-Regolament RRF permezz tal-inklużjoni tal-kapitoli REPowerEU, li saħħew b'mod sinifikanti l-miżuri transfruntieri u multinazzjonali.***

Or. en

Emenda 125
Monika Hohlmeier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jiddispjaċih rigward in-nuqqas*** ta' proġetti ***transfruntiera*** vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament;	9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jesprimi dispjaċir għan-nuqqas*** ta' proġetti ***transfruntieri*** vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament ***minkejja l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2023/435 li jiddikjara li l-Istati Membri għandhom ihabirku biex jiżguraw li l-miżuri transfruntieri jammontaw għal ammont li jirrappreżenta***

	mill-anqas 30 % tal-kostijiet stmati tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU*; *jesprimi dispjaċir ukoll minħabba l-applikazzjoni wiesgħa ħafna tad-definizzjoni ta' transfruntiera fl-NRRPs;

Or. en

Emenda 126
Anouk Van Brug, Joachim Streit, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jiddispjaċih rigward in-nuqqas*** ta' proġetti transfruntiera vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament;	9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jesprimi dispjaċir għan-nuqqas*** ta' proġetti transfruntiera vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament; ***jiddeplora li dan huwa minħabba l-fatt li tfaċċaw ostakli għall-investiment marbuta maż-żmien twil meħtieġ għall-proċess ta' notifika tal-għajnuna mill-Istat u n-nuqqas ta' ċarezza f'termini ta' proċessi, l-iskeda ta' żmien, ir-responsabbiltajiet, il-kriterji tar-rekwiżit għall-għażla tal-proġett u d-definizzjoni ta' benefiċċji jew effetti konsegwenzjali addizzjonali;***

Or. en

Emenda 127
Ruggero Razza, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri	9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri

b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jiddispjaċih rigward in-nuqqas*** ta' proġetti transfruntiera vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament;	b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jesprimi dispjaċir għan-nuqqas*** ta' proġetti transfruntiera vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament; ***jafferma l-opportunità li l-Istati Membri, fl-ambitu tal-proċedura ta' emenda tal-Pjan Nazzjonali tagħhom, jipproponu l-użu ta' riżorsi maħsuba għall-provvista tal-enerġija anke għal proġetti ta' kooperazzjoni transfruntiera mal-pajjiżi Mediterranji sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza enerġetika tal-Unjoni Ewropea;***

Or. it

Emenda 128
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jiddispjaċih rigward in-nuqqas*** ta' proġetti transfruntiera vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament;	9. Ifakkar fit-talba tiegħu biex l-interventi tal-RRF jiġu ffukati fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew u għalhekk ***jesprimi dispjaċir b'mod serju għan-nuqqas*** ta' proġetti transfruntiera vijabbli u r-riskju relatat ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament;

Or. en

Emenda 129
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jinnota b'sorpriża li prattikament il-kapitoli kollha ta' RePowerEU qabżu l-

	limitu massimu tal-miżuri li għandhom dimensjoni transfruntiera jew multinazzjonali; jinsab imħasseb dwar l-interpretazzjoni wiesgħa ħafna adottata mill-Kummissjoni li tippermetti kwalunkwe tnaqqis fid-domanda tal-enerġija (nazzjonali) biex tagħmel spazju għal effett transfruntier; iqis li dan l-approċċ mhuwiex allinjat mal-ħtieġa perċepita li tittieħed azzjoni biex ikunu żgurati proġetti transfruntieri reali;

Or. en

Emenda 130
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jilqa'*** l-possibbiltà li l-finanzjament fl-ambitu tal-RRF jintuża biex isir kontribut għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) billi jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji kritiċi fl-UE sabiex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali tagħha;	10. ***Jinnota*** l-possibbiltà li l-finanzjament fl-ambitu tal-RRF jintuża biex isir kontribut għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) billi jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji kritiċi fl-UE sabiex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali tagħha; ***jenfasizza li l-iSTEP hija strument introdott taħt ċirkostanzi speċifiċi bi flejjes ġodda limitati ħafna disponibbli;***

Or. en

Emenda 131
Anouk Van Brug, Joachim Streit, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

10. Jilqa' l-possibbiltà li l-finanzjament fl-ambitu tal-RRF jintuża biex isir kontribut għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) billi jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji kritiċi fl-UE sabiex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali tagħha;	10. Jilqa' l-possibbiltà li l-finanzjament fl-ambitu tal-RRF jintuża biex isir kontribut għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) billi jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji kritiċi fl-UE sabiex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali tagħha; ***jinnota li sa issa l-ebda Stat Membru ma għamel użu mill-possibbiltà li jirrevedi l-NRRP tiegħu biex jinkludi kontribuzzjoni ta' flus kontanti addizzjonali mill-RRP għall-objettivi tal-iSTEP permezz tal-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU; ifakkar li l-Istati Membri xorta jistgħu jemendaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom f'dak ir-rigward; jistenna li l-proċessi tar-reviżjoni ma jkunux ta' piż, kajmana u kumplessi, b'mod speċjali meta titqies l-iskadenza finali tal-2026; jirrikonoxxi li r-reżiljenza ekonomika u strateġika tal-UE tiddependi wkoll fuq il-kapaċità tagħha li tindirizza theddid ta' sigurtà;***
	Or. en

Emenda 132
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jesprimi t-tama tiegħu għall-irkupru ta' kwalunkwe riżorsa mhux użata fi proġetti li għandhom l-għan li jappoġġjaw lill-Istati Membri fir-reżiljenza tagħhom għal diżastri naturali u għal eventi ta' temp estrem, prinċipalment in-nixfiet u l-għargħar, speċjalment fir-reġjuni rurali, insulari u dawk li huma ġeografikament żvantaġġati fl-UE;
	Or. it

Emenda 133
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Ifakkar fl-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għar-riformi u l-investimenti kollha appoġġjati mill-RRF, b'deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika;	***imħassar***

Or. en

Emenda 134
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Ifakkar fl-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għar-riformi u l-investimenti kollha appoġġjati mill-RRF, b'deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara	***imħassar***

sinifikanti" bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika;

Or. en

Emenda 135
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Ifakkar fl-applikazzjoni*** tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għar-riformi u l-investimenti kollha appoġġjati mill-RRF***, b'deroga*** mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija ***meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"*** bejn ***l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika***;	11. ***Jitlob l-infurzar rigoruż*** tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għar-riformi u l-investimenti kollha appoġġjati mill-RRF***; jaqbel mas-sejba tal-QEA li d-deroga*** mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija ***tirriskja l-effettività tal-RRF lejn it-tranżizzjoni ekoloġika, billi hemm kompromess*** bejn ***l-objettiv li tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija minn naħa waħda, u t-tħassib ambjentali u klimatiku minn naħa oħra***;

Or. en

Emenda 136
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Ifakkar fl-applikazzjoni*** tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għar-riformi u l-investimenti kollha	11. ***Jisħaq fuq l-applikazzjoni*** tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għar-riformi u l-investimenti kollha

appoġġjati mill-RRF***, b'deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika;	appoġġjati mill-RRF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli ***b'mod speċjali f'miri ambjentali bħall-bijodiversità***, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt xierqa għal proġetti u investimenti kif ukoll biex jikkondividu l-aħjar prattiki mill-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" sabiex ma jintuża l-ebda fond tal-RRF f'investimenti li jeqirdu l-ambjent;***
	Or. en

Emenda 137
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Ifakkar fl-applikazzjoni*** tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ***għar-riformi u l-investimenti kollha appoġġjati*** mill-RRF, b'deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika;	11. ***Jisħaq fuq l-applikazzjoni obbligatorja*** tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ***għal kull riforma u investiment appoġġjat*** mill-RRF, b'deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; ***jinsab imħasseb dwar is-sejbiet tal-QEA li l-gwida "la tagħmilx ħsara sinifikanti" tal-Kummissjoni rriżultat f'applikazzjoni differenti tal-prinċipju madwar l-Istati Membri, li tvarja minn valutazzjonijiet sostantivi biex jintgħażel approċċ simplifikat anke għal miżuri b'riskji ogħla li jaffettwaw wieħed jew aktar mill-objettivi ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti";*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx

ħsara sinifikanti” bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta’ nefqa pubblika;

Or. en

Emenda 138
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Ifakkar fl-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għar-riformi u l-investimenti kollha appoġġjati mill-RRF, b’deroga mmirata fl-ambitu ta’ REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta’ interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli***, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta’ nefqa pubblika***;	11. Ifakkar fl-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għar-riformi u l-investimenti kollha appoġġjati mill-RRF, b’deroga mmirata fl-ambitu ta’ REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta’ interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli;

Or. en

Emenda 139
Fernando Navarrete Rojas

Paragrafu 11

	Emenda
11. Ifakkar fl-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għar-riformi u l-investimenti kollha	11. Ifakkar fl-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għar-riformi u l-investimenti kollha

appoġġjati mill-RRF, b'deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta ***l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju*** "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ***bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika***;	appoġġjati mill-RRF, b'deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni***, fid-dawl tad-deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU, biex*** tivvaluta ***l-ħtieġa ta' bidla fil-prinċipju*** "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ***sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn intensità tal-karbonju aktar baxxa għall-attivitajiet ekonomiċi kollha fl-UE***;
	Or. en

Emenda 140
Karlo Ressler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Ifakkar fl-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għar-riformi u l-investimenti kollha appoġġjati mill-RRF, b'deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika;	11. Ifakkar fl-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għar-riformi u l-investimenti kollha appoġġjati mill-RRF, b'deroga mmirata fl-ambitu ta' REPowerEU għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" bejn l-RRF u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika ***u l-ħtieġa li tiġi vvalutata l-proporzjonalità ta' piż amministrattiv biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti***;
	Or. en

Emenda 141
Damian Boeselager, Rasmus Andresen

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' interpretazzjoni aktar uniformi tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" bejn l-RRF u t-Tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-RRF bħala programm ta' nefqa pubblika; jitlob li l-valutazzjonijiet ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" isiru pubbliċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni meħtieġa;

Or. en

Emenda 142
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Ifakkar li l-NRRPs jeħtieġ li jkunu konsistenti mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) u l-aġġornamenti tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-kontribut tal-investimenti allokati għat-tranżizzjoni ekoloġika fl-ambitu tal-NRRPs għall-kisba tal-miri l-ġodda tal-2030 dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti fl-NECPs riveduti rispettivi;

Or. en

Emenda 143
Enikő Győri, Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-RRF hija l-ewwel strument ewlieni bbażat fuq il-prestazzjoni fil-livell tal-UE li huwa bbażat esklużivament fuq finanzjament mhux marbut mal-kostijiet; ***jiddispjaċih li l-Kunsill ma qabilx li jdaħħal regoli speċifiċi fir-Regolament Finanzjarju biex jindirizza r-riskji ta' dan il-mudell ta' implimentazzjoni, bħal pereżempju l-finanzjament doppju;***	12. Jisħaq li l-RRF hija l-ewwel strument ewlieni bbażat fuq il-prestazzjoni fil-livell tal-UE li huwa bbażat esklużivament fuq finanzjament mhux marbut mal-kostijiet;

Or. en

Emenda 144
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-RRF hija l-ewwel strument ewlieni bbażat fuq il-prestazzjoni fil-livell tal-UE li huwa bbażat esklużivament fuq finanzjament mhux marbut mal-kostijiet; ***jiddispjaċih li l-Kunsill ma qabilx li jdaħħal regoli speċifiċi fir-Regolament*** Finanzjarju ***biex jindirizza r-riskji ta' dan il-mudell ta' implimentazzjoni, bħal pereżempju l-finanzjament doppju***;	12. Jisħaq li l-RRF hija l-ewwel strument ewlieni bbażat fuq il-prestazzjoni fil-livell tal-UE li huwa bbażat esklużivament fuq finanzjament mhux marbut mal-kostijiet; ***ifakkar li l-Artikolu 8 tar-Regolament RRF jistipula li l-RRF għandha tiġi implimentata mill-Kummissjoni b'ġestjoni diretta f'konformità mar-regoli rilevanti adottati skont l-Artikolu 322 tat-TFUE, b'mod partikolari r-Regolament*** Finanzjarju ***u r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092***;

Or. en

Emenda 145
Monika Hohlmeier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jissottolinja li r-rati għoljin tal-imgħax żiedu l-kostijiet annwali ta' ħlas lura, li jista' jirrikjedi li l-Kummissjoni tidderieġi l-fondi minn programmi u inizjattivi oħra tal-UE, u li ddewwem jew tnaqqas investimenti pjanati, li jaffettwa b'mod negattiv iċ-ċertezza istituzzjonali għall-investituri u l-intrapriżi; iwissi li dawn il-kostijiet li dejjem qed jogħlew jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tal-UE li tiġġestixxi s-sostenibbiltà tad-dejn tagħha, li jista' jpoġġi pressjoni politika fuq l-allegat BĊE indipendenti biex iżomm ir-rati tal-imgħax baxxi għal finijiet politiċi;

Or. en

Emenda 186
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Iqis li l-introduzzjoni ta' sorsi ta' dħul ġenwini ġodda hija indispensabbli biex tkopri l-piż baġitarju addizzjonali li jirriżulta mis-self tan-Next Generation EU kif ukoll il-prijoritajiet politiċi l-ġodda; jinsab imħasseb ħafna dwar in-nuqqas totali ta' progress fir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji fil-Kunsill b'mod partikolari, fid-dawl ta' ħtiġijiet u domandi baġitarji li qed jiżdiedu;

Or. en

Emenda 187
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni timmassimizza l-pressjoni fuq l-Istati Membri biex jilħqu ftehim rapidu dwar il-pakkett il-ġdid tar-riżorsi proprji u jistieden lill-Kunsill jadotta din il-proposta b'urġenza mingħajr aktar dewmien; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi biex tidentifika riżorsi proprji ġodda u preferibbilment ġenwini u sorsi oħra ta' dħul għall-baġit tal-UE lil hinn mill-FII;

Or. en

Emenda 188
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jieħu nota tal-mira*** tal-Kummissjoni li tiffinanzja sa 30 % tal-kostijiet ta' Next Generation EU billi toħroġ bonds ekoloġiċi; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni kienet ħarġet bonds ekoloġiċi Ewropej li jammontaw għal EUR 68,2 biljun;	16. ***Jitlob li titneħħa l-mira*** tal-Kummissjoni li tiffinanzja sa 30 % tal-kostijiet ta' Next Generation EU billi toħroġ bonds ekoloġiċi; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni kienet ħarġet bonds ekoloġiċi Ewropej li jammontaw għal EUR 68,2 biljun;

Or. en

Emenda 189
Pascal Canfin, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jieħu nota tal-mira*** tal-Kummissjoni li tiffinanzja sa 30 % tal-kostijiet ta' Next Generation EU billi toħroġ bonds ekoloġiċi; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni kienet ħarġet bonds ekoloġiċi Ewropej li jammontaw għal EUR 68,2 biljun;	16. ***Jilqa' l-mira*** tal-Kummissjoni li tiffinanzja sa 30 % tal-kostijiet ta' Next Generation EU billi toħroġ bonds ekoloġiċi; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni kienet ħarġet bonds ekoloġiċi Ewropej li jammontaw għal EUR 68,2 biljun;

Or. en

Emenda 190
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jieħu nota tal-mira tal-Kummissjoni li tiffinanzja sa 30 % tal-kostijiet ta' Next Generation EU billi toħroġ bonds ekoloġiċi; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni kienet ħarġet bonds ekoloġiċi Ewropej li jammontaw għal EUR 68,2 biljun;	16. Jieħu nota tal-mira tal-Kummissjoni li tiffinanzja sa 30 % tal-kostijiet ta' Next Generation EU billi toħroġ bonds ekoloġiċi; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni kienet ħarġet bonds ekoloġiċi Ewropej li jammontaw għal EUR 68,2 biljun; ***jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-isforzi tagħha għal finanzjament sostenibbli permezz tal-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi tan-Next Generation EU, tidderieġi l-fondi f'firxa wiesgħa ta' proġetti ekoloġiċi u tistabbilixxi standard għoli fis-suq tal-bonds ekoloġiċi, u b'hekk tinkoraġġixxi l-fluss tal-kapital lejn investimenti pożittivi mil-lat ambjentali;***

Or. en

Emenda 191
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li d-dejn tal-Unjoni għadu qed jiżdied, minħabba l-istrument tal-irkupru temporanju Next Generation EU; jinsab imħasseb li ż-żieda fid-dejn u l-kostijiet oħla tal-imgħax assoċjati se jkollhom konsegwenzi fit-tul fuq l-istabbiltà fiskali tal-UE, u potenzjalment iwasslu għal pressjoni finanzjarja akbar u kapaċità mnaqqsa li tirrispondi għal sfidi futuri jew tinvesti f'oqsma strateġiċi ewlenin;

Or. en

Emenda 192
Denis Nesci, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iqis li tnaqqis fir-rati tal-imgħax fuq self mogħti fl-ambitu ta' Next Generation EU, permezz ta' strumenti ta' finanzjament konġunti, jista' jnaqqas il-piż finanzjarju ġenerali b'mod sinifikanti u jagħmel il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza aktar sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iqisu l-possibbiltà li jinnegozjaw kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar vantaġġużi, peress li approċċ ta' dan it-tip jiffaċilita ġestjoni aktar effiċjenti tad-dejn, jippromwovi diżaggregazzjoni tar-riskju bbilanċjata bejn l-Istati Membri, u jgħin biex itaffi l-piż fuq il-baġits nazzjonali, itejjeb l-istabbiltà finanzjarja u jsaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika tat-territorji tal-Unjoni;

Or. it

Emenda 193
Julien Sanchez, Angéline Furet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu ġew żborżati 47 % tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-RRF, filwaqt li l-għotjiet laħqu 55 % u s-self 37 %; jinsab imħasseb, madankollu, dwar is-sejba tal-QEA li sa Ottubru 2023, fi 15 minn 22 Stat Membru, 50 % biss tal-fondi żborżati kienu waslu għand il-benefiċjarji finali;	17. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu ġew żborżati ***biss*** 47 % tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-RRF, filwaqt li l-għotjiet laħqu 55 % u s-self 37 %; jinsab imħasseb, madankollu, dwar is-sejba tal-QEA li sa Ottubru 2023, fi 15 minn 22 Stat Membru, 50 % biss tal-fondi żborżati kienu waslu għand il-benefiċjarji finali; ***jenfasizza l-bosta każijiet ta' irregolaritajiet u investimenti esposti għal riskji ta' nuqqas ta' konformità, b'mod partikolari proġetti li teknikament irnexxew li jistgħu jiġu mxekkla minn***

	kundizzjonijiet tax-xogħol illegali, kunflitti ta' interess jew spejjeż inkrementali artifiċjali, kif ukoll każijiet ta' irregolaritajiet li qed jiġu investigati mill-OLAF u mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew; jitlob lill-Kummissjoni tipproċedi b'valutazzjoni tal-impatt sistematika tal-proġetti ffinanzjati sabiex tiġi ggarantita l-konformità sħiħa tagħhom, mhux biss mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, iżda wkoll mal-istandards soċjali;

Or. fr

Emenda 194
Victor Negrescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu ġew żborżati 47 % tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-RRF, filwaqt li l-għotjiet laħqu 55 % u s-self 37 %; jinsab imħasseb, madankollu, dwar is-sejba tal-QEA li sa Ottubru 2023, fi 15 minn 22 Stat Membru, 50 % biss tal-fondi żborżati kienu waslu għand il-benefiċjarji finali;	17. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu ġew żborżati 47 % tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-RRF, filwaqt li l-għotjiet laħqu 55 % u s-self 37 %; jinsab imħasseb, madankollu, dwar is-sejba tal-QEA li sa Ottubru 2023, fi 15 minn 22 Stat Membru, 50 % biss tal-fondi żborżati kienu waslu għand il-benefiċjarji finali; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura aġġornament regolari tal-lista tal-100 riċevitur finali li jirċievu l-akbar ammont ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tal-miżuri fl-ambitu tal-RRF għal kull Stat Membru, f'konformità mad-dispożizzjoni fl-ambitu tar-REPowerEU li titlob li l-Istati Membri jirrapportaw din l-informazzjoni biex issir pubblika taħt it-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza;***

Or. en

Emenda 195

Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu ġew żborżati 47 % tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-RRF, filwaqt li l-għotjiet laħqu 55 % u s-self 37 %; jinsab imħasseb, madankollu, dwar is-sejba tal-QEA li sa Ottubru 2023, fi 15 minn 22 Stat Membru, 50 % biss tal-fondi żborżati kienu waslu għand il-benefiċjarji finali;	17. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu ġew żborżati 47 % tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-RRF, filwaqt li l-għotjiet laħqu 55 % u s-self 37 %; jinsab imħasseb, madankollu, dwar is-sejba tal-QEA li sa Ottubru 2023, fi 15 minn 22 Stat Membru, 50 % biss tal-fondi żborżati kienu waslu għand il-benefiċjarji finali; ***jiddubita jekk in-nofs l-ieħor tal-fondi żborżati intużax jew biex jissostitwixxu nefqa baġitarja rikorrenti jew biex jiġġenera qligħ għall-Istati Membri miż-żieda fir-rati tal-imgħax;***

Or. en

Emenda 196
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu ġew żborżati 47 % tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-RRF, filwaqt li l-għotjiet laħqu 55 % u s-self 37 %; jinsab imħasseb, madankollu, dwar is-sejba tal-QEA li sa Ottubru 2023, fi 15 minn 22 Stat Membru, 50 % biss tal-fondi żborżati kienu waslu għand il-benefiċjarji finali;	17. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu ġew żborżati 47 % tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-RRF, filwaqt li l-għotjiet laħqu 55 % u s-self 37 %; jinsab imħasseb, madankollu, dwar is-sejba tal-QEA li sa Ottubru 2023, fi 15 minn 22 Stat Membru, 50 % biss tal-fondi żborżati kienu waslu għand il-benefiċjarji finali; ***jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom sabiex il-finanzjament tal-RRF ikun jista' fil-fatt jilħaq lin-nies u lill-ekonomija reali;***

Or. en

Emenda 197
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Ifakkar li l-fondi tal-RRF ma għandhomx jintużaw biex jissostitwixxu nefqa baġitarja rikorrenti ħlief f'każ debitament ġustifikat; u jinsab inkwetat minħabba s-sejbiet tal-Qorti li xi stadji importanti u miri li kienu sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali ma ġewx iġġustifikati b'mod adegwat fl-NRRPs;

Or. en

Emenda 198
Julien Sanchez, Angéline Furet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha qabżu l-miri għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika (37 %) u diġitali (20 %), b'nefqa medja lejn l-objettivi klimatiċi u diġitali tal-RRF kollha kemm hi ta' 42 % u 26 % rispettivament; jinnota*** li l-QEA xeħtet dubju fuq kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF kkontribwiet għat-tranżizzjoni ekoloġika u rrakkomandat titjib fil-metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF;	18. ***Jenfasizza*** li l-QEA xeħtet dubju fuq kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF kkontribwiet għat-tranżizzjoni ekoloġika u rrakkomandat titjib fil-metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF;

Or. fr

Emenda 199
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha qabżu l-miri għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika (37 %) u diġitali (20 %), b'nefqa medja lejn l-objettivi klimatiċi u diġitali tal-RRF kollha kemm hi ta' 42 % u 26 % rispettivament; ***jinnota*** li l-QEA ***xeħtet dubju fuq*** kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF ***kkontribwiet*** għat-tranżizzjoni ekoloġika u rrakkomandat titjib fil-metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF;	18. Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha qabżu l-miri għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika (37 %) u diġitali (20 %), b'nefqa medja lejn l-objettivi klimatiċi u diġitali tal-RRF kollha kemm hi ta' 42 % u 26 % rispettivament; ***jinsab imħasseb, madankollu, mill-fatt*** li l-QEA ***żvelat nuqqasijiet fir-rigward ta'*** kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF ***fil-fatt ikkontribwiet*** għat-tranżizzjoni ekoloġika***, ikkalkolat stimi eċċessivi possibbli ta' EUR 34,5 biljun tal-kontribuzzjoni tal-RRF għall-klima*** u rrakkomandat titjib fil-metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF; ***jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawn in-nuqqasijiet b'mod effettiv u tirrifletti aħjar ir-rakkomandazzjonijiet mill-QEA;***

Or. en

Emenda 200
Pascal Canfin, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha qabżu l-miri għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika (37 %) u diġitali (20 %), b'nefqa medja lejn l-objettivi klimatiċi u diġitali tal-RRF kollha kemm hi ta' 42 % u 26 % rispettivament; jinnota li l-QEA xeħtet dubju fuq kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF kkontribwiet għat-tranżizzjoni ekoloġika u rrakkomandat titjib fil-	18. Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha qabżu l-miri għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika (37 %) u diġitali (20 %), b'nefqa medja lejn l-objettivi klimatiċi u diġitali tal-RRF kollha kemm hi ta' 42 % u 26 % rispettivament; jinnota li l-QEA xeħtet dubju fuq kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF kkontribwiet għat-tranżizzjoni ekoloġika u rrakkomandat titjib fil-

metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF;	metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF; ***jistieden lill-Kummissjoni tqis kif mistħoqq il-kritika tal-QEA sabiex ittejjeb il-funzjonament futur ta' kwalunkwe strument ibbażat fuq il-prestazzjoni simili għall-RRF, b'mod partikolari fil-kuntest ta' QFP aktar immirat;***
	Or. en

Emenda 201
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha qabżu l-miri għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika (37 %) u diġitali (20 %), b'nefqa medja lejn l-objettivi klimatiċi u diġitali tal-RRF kollha kemm hi ta' 42 % u 26 % rispettivament; jinnota li l-QEA xeħtet dubju fuq kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF kkontribwiet għat-tranżizzjoni ekoloġika u rrakkomandat titjib fil-metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF;	18. Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha qabżu l-miri għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika (37 %) u diġitali (20 %), b'nefqa medja lejn l-objettivi klimatiċi u diġitali tal-RRF kollha kemm hi ta' 42 % u 26 % rispettivament; ***jenfasizza li t-tranżizzjoni ekoloġika għandha tkopri firxa wiesgħa ta' proġetti u investimenti differenti b'indikaturi armonizzati, u*** jinnota li l-QEA xeħtet dubju fuq kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF kkontribwiet għat-tranżizzjoni ekoloġika u rrakkomandat titjib fil-metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF;
	Or. en

Emenda 202
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ġiet ikkonfrontata b'nuqqasijiet notevoli fl-istadju tal-implimentazzjoni; jissottolinja li billi l-Kummissjoni ma kkwantifikatx in-natura u l-iskala tal-impatt ta' miżuri potenzjalment ta' ħsara, għadu mhuwiex ċar jekk l-ispjegazzjonijiet provduti u l-miżuri ta' mitigazzjoni ssuġġeriti kinux biżżejjed biex jiżguraw il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"; jinsab allarmat ukoll dwar il-fatt li fejn il-miżuri ta' mitigazzjoni kienu meħtieġa biex jagħtu valutazzjoni pożittiva ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti", dawn il-miżuri ma ġewx inklużi sistematikament fil-forma ta' stadji importanti jew miri fl-NRRPs u dan ipprevjena t-twettiq tagħhom biex isiru kundizzjoni ta' pagament u biex jinħoloq bażi legali biex tiġi segwita l-implimentazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 203
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Ifakkar li, fl-ambitu tan-Next Generation EU, mill-anqas 37 % tal-infiq fl-NRRPs se jintużaw għal investimenti u riformi sostenibbli f'oqsma bħall-infrastruttura ekoloġika u l-enerġija rinnovabbli u li r-rikavati minn Bonds Ekoloġiċi tan-Next Generation EU se jintużaw biex jiffinanzjaw dawn l-

investimenti; jilqa' r-rappurtar tal-impatt għall-bonds u jisħaq li l-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet rilevanti għall-klima kollha li jistgħu jitkejlu jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'44 miljun tunnellata kull sena, li huwa ekwivalenti għal 1,2 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra aggregati tal-UE fl-2022; huwa tal-opinjoni li l-primjum tal-bond flimkien mar-rappurtar tal-impatt aktar ċar tal-investiment huwa mudell eċċellenti għal kwalunkwe self fil-futur;

Or. en

Emenda 204
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;	***imħassar***

Or. en

Emenda 205
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; ***jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;***	19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura;

Or. en

Emenda 206
Joachim Streit, Engin Eroglu, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt ***tanġibbli*** li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ***aċċellerati l-investimenti*** fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali ***u*** l-integrazzjoni ***tal-gruppi vulnerabbli***, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ***tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF***;	19. Jinnota l-impatt ***potenzjali*** li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; ***jissottolinja li tali nfiq irid ikun orjentat lejn ir-riżultati, filwaqt li jiżgura benefiċċji ekonomiċi u soċjali li jistgħu jitkejlu;*** jisħaq fuq il-ħtieġa li ***r-riżorsi*** jiġu ***ddireġuti mill-ġdid lejn inizjattivi li jtejbu r-reżiljenza ekonomika fit-tul, b'mod partikolari*** fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali***,*** l-integrazzjoni ***tal-forza tax-xogħol ibbażata fuq il-ħiliet***, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-

Reżiljenza, ***biex jiġi żgurat li l-proġetti finanzjati jiksbu riżultati konkreti, jevitaw ineffiċjenzi, u jkunu allinjati ma' għanijiet ta' sostenibbiltà fiskali u ekonomika aktar wiesgħa***;

Or. en

Emenda 207
Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;	19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, ***is-saħħa,*** il-protezzjoni soċjali***, il-politiki dwar il-ġeneru, il-kura u l-protezzjoni tat-tfal,*** u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ ***kif ukoll l-investimenti għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, fejn in-nefqa għadha lura***; ifakkar it-tħassib tiegħu li l-atti delegati dwar in-nefqa soċjali u dwar it-tabella ta' valutazzjoni għall-irkupru u r-reżiljenza mhux biżżejjed biex jiġu segwiti u rrapportati d-dimensjonijiet u l-impatti soċjali u tal-ġeneru tal-RRF***; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF; ***jitlob barra minn hekk lill-Kummissjoni biex tirrifletti aħjar l-insegwiment tal-implimentazzjoni tal-20 prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali permezz ta' indikaturi soċjali u tal-ġeneru komplementari fl-analiżi tematika tat-Tabella ta'***

Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

Or. en

Emenda 208
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;	19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF; ***jesprimi dispjaċir li d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-investimenti fl-infrastruttura soċjali ewlenin, inklużi l-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-faċilitajiet tal-kura, ġew osservati f'ċerti Stati Membri; jisħaq li dan id-dewmien, f'xi każijiet marbut mal-bidla fil-prijoritajiet baġitarji u skedi ta' żmien ta' implimentazzjoni nazzjonali riveduti, jirriskja l-imminar tal-kisba tal-objettivi tal-koeżjoni soċjali tal-Faċilità;***

Or. en

Emenda 209
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;	19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF; ***ifakkar il-fatt li l-edukazzjoni hija kompetenza tal-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni tastjeni minn kwalunkwe ksur tat-Trattat billi tikser kompetenzi nazzjonali;***

Or. en

Emenda 210
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; ***jisħaq fuq il-ħtieġa*** li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza,	19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; ***jinnota l-ħtieġa*** li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura***; jisħaq, madankollu, li l-RRF ma għandhiex tintuża biex tagħti spinta lil finanzjament eżistenti għall-politika u l-programmi ta' Koeżjoni, iżda***

tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;	***biex tiġġenera valur miżjud reali***; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;

Or. en

Emenda 211
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;	19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali***, tar-realtajiet tal-gżejjer*** u ***dawk*** remoti ***tal-UE, li huma żvantaġġati minħabba fatturi soċjoekonomiċi u ġeografiċi***, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;

Or. it

Emenda 212
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie, Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;	19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti***, it-tkabbir tal-produttività, ir-R&Ż***, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;

Or. en

Emenda 213
Sandra Gómez López, Jonás Fernández, Jean-Marc Germain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;	19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti***, l-akkomodazzjoni affordabbli***, il-protezzjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF;

Or. en

Emenda 214
Sandra Gómez López, Jonás Fernández, Jean-Marc Germain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Josserva li maġġoranza kbira tal-NRRPs jinkludu taqsima speċifika li tispjega kif il-pjan jindirizza tħassib u sfidi relatati mal-ġeneru; jesprimi dispjaċir kbir, madankollu, li xi NRRPs ma jinkludux taqsimiet bħal dawn u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati jipprovdu elementi u informazzjoni dwar kif l-NRRPs tagħhom jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri mingħajr dewmien;

Or. en

Emenda 215
Victor Negrescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-pożizzjoni tal-Parlament li jinkludi miri għall-edukazzjoni (10 %) u għall-attivitajiet kulturali (2 %) ma kinitx inkluża fir-Regolament RRF u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis dawn il-miri bħala parametru referenzjarju fil-valutazzjoni tagħha tal-politika dwar l-edukazzjoni fl-NRRPs, permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

Or. en

Emenda 216
Costas Mavrides, Francisco Assis, Claire Fita, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Sandra Gómez López

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza l-fatt li l-RRF tista' tgħin biex ittaffi l-effetti tal-kriżi tal-akkomodazzjoni attwali fl-Unjoni kollha; jesprimi dispjaċir għall-fatt li xi Stati Membri ma għamlux użu minn din l-opportunità u jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri xorta waħda jistgħu jaġġustaw l-NRRPs tagħhom biex jinkludu l-investiment fuq l-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 217
Joachim Streit, Engin Eroglu, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Jilqa'*** l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari ***għall-kompetittività*** u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***transnazzjonali,*** l-appoġġ għall-intrapriżi***, u*** l-bidliet regolatorji ***favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura***;	20. ***Jirrikonoxxi*** l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari ***fit-titjib tal-kompetittività*** u l-appoġġ għall-SMEs***; jisħaq li dawn l-isforzi jridu jipprijoritizzaw is-soluzzjonijiet xprunati mis-suq, l-intraprenditorija, u l-awtosuffiċjenza ekonomika***; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***tranżnazzjonali u*** l-appoġġ għall-intrapriżi***, filwaqt li jiġi żgurat li*** l-bidliet regolatorji ***jrawmu l-innovazzjoni, inaqqsu l-piżijiet burokratiċi, u jtejbu l-kompetittività globali aktar milli jimponu restrizzjonijiet mhux meħtieġa***;

Or. en

Emenda 218
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti ***fil-kooperazzjoni transnazzjonali***, l-appoġġ għall-intraprizi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv***, li għadhom lura***;	20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti ***biex tiġi indirizzata d-diskrepanza persistenti fl-investiment sabiex tinħoloq ekonomija sostenibbli u kompetittiva ġdida fl-Ewropa, filwaqt li tingħata attenzjoni lill-kooperazzjoni tranżnazzjonali***, l-appoġġ għall-intraprizi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

Or. en

Emenda 219
Victor Negrescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***transnazzjonali***, l-appoġġ għall-intraprizi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura;	20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***tranżnazzjonali***, l-appoġġ għall-intraprizi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura; ***jitlob evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella***

ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-ammonti allokati lill-SMEs għal investimenti relatati ma' politiki taħt il-pilastri tat-tkabbir ekoloġiku, diġitali u intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-ambitu tal-RRF, kif ukoll miżuri tal-enerġija fl-ambitu ta' REPowerEU; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw żborż aktar effettiv u f'waqtu tal-fondi, b'mod partikolari għall-SMEs, u biex jissimplifikaw proċeduri ta' applikazzjoni biex tittejjeb l-aċċessibbiltà;

Or. en

Emenda 220
Anouk Van Brug, Joachim Streit, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***transnazzjonali***, l-appoġġ għall-intrapriżi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura;	20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***tranżnazzjonali***, l-appoġġ għall-intrapriżi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura; ***jisħaq li s-suċċess tal-investimenti tal-UE jiddependi minn swieq kapitali li jiffunzjonaw tajjeb u jitlob li jsir aktar progress fit-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) biex jiġi mmobilizzat l-investiment privat, titnaqqas id-dipendenza fuq il-finanzjament pubbliku, u tittejjeb il-kompetittività tan-negozji Ewropej;***

Or. en

Emenda 221

Nikolas Farantouris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti ***fil-kooperazzjoni transnazzjonali***, l-appoġġ għall-intrapriżi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura;	20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti ***biex tingħata spinta lit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-intrapriżi, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali***, l-appoġġ għall-intrapriżi, ***biex jitjieb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-imprendituri żgħażagħ*** u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura;

Or. en

Emenda 222
Damian Boeselager, Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***transnazzjonali***, l-appoġġ għall-intrapriżi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura;	20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***tranżnazzjonali***, l-appoġġ għall-intrapriżi ***kompetittivi li jwassal għal proġetti innovattivi filwaqt li jirrispetta l-politika tal-kompetizzjoni***, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura;

Or. en

Emenda 223
Siegfried Mureşan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***transnazzjonali***, l-appoġġ għall-intrapriżi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura;	20. ***Jinnota l-impatt li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettiv tat-trasformazzjoni diġitali, b'EUR 166 biljun allokati għal pjanijiet korrispondenti;*** jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni ***tranżnazzjonali***, l-appoġġ għall-intrapriżi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura;

Or. en

Emenda 224
Denis Nesci, Ruggero Razza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jinnota, barra minn hekk, l-importanza tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u jitlob li jiġu previsti miżuri speċifiċi – bħal inċentivi fiskali, aċċess għall-kreditu aktar faċli u programmi ta' taħriġ tekniku – biex jiġi promoss appoġġ li għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol tagħhom fil-proċess tat-tkabbir intelliġenti u inklużiv;

Or. it

Emenda 225
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie, Jaroslava Pokorná Jermanová, Julien Sanchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jenfasizza s-sitwazzjoni mhux ugwali rigward l-implimentazzjoni u r-rati ta' assorbiment tal-fondi tal-RRF madwar l-Istati Membri li jvarjaw bejn 0 % u 76,6 % mid-9 ta' Jannar 2025;

Or. en

Emenda 226
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Jaroslava Pokorná Jermanová, Julien Sanchez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Ifakkar lill-Kummissjoni fir-rakkomandazzjoni tal-QEA biex tipprovdi appoġġ u gwida addizzjonali, fejn meħtieġ, biex tindirzza kwalunkwe inċertezzi fl-oqsma identifikati mill-Istati Membri biex jiġu ffaċilitati l-iżborżi;

Or. en

Emenda 227
Enikő Győri, Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jesprimi t-tħassib tiegħu, li r-rati ta' assorbiment imxerrda u d-disparitajiet eżistenti fost l-Istati Membri li jaċċessaw

	il-fondi tal-RRF se jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni ġusta fost il-kumpaniji fl-UE, billi aktar minn 72 % tal-fondi tal-RRF żborżati ġew riċevuti minn erba' Stati Membri biss u anqas minn 4 % tal-fondi biss ġew żborżati lil 15-il Stat Membru mid-9 ta' Jannar 2025, u dan ikkawża tensjonijiet sinifikanti fis-Suq Uniku;

Or. en

Emenda 228
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jinnota*** li l-kisba tal-miri u l-istadji importanti għadha lura meta mqabbla mal-iskeda ta' żmien indikattiva pprovduta fl-NRRPs, u li l-pass tal-progress mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri; jilqa' l-fatt li, wara bidu kajman, l-implimentazzjoni tal-RRF żdiedet fir-ritmu mit-tieni nofs tal-2023, iżda d-dewmien għadu jippersisti u ġie attribwit lil diversi fatturi, inklużi r-reviżjonijiet marbuta mal-inklużjoni ta' REPowerEU, l-inflazzjoni li qed tiżdied, il-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tal-Istati Membri, l-inċertezzi rigward regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi tal-RRF, il-kostijiet għoljin tal-enerġija, in-nuqqas ta' provvista u sottovalutazzjoni taż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-miżuri;	21. ***Jiddeplora l-fatt*** li l-kisba tal-miri u l-istadji importanti għadha lura meta mqabbla mal-iskeda ta' żmien indikattiva pprovduta fl-NRRPs, u li l-pass tal-progress mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri***; jenfasizza li l-RRF se tiżvela l-potenzjal fit-tul tagħha biss jekk il-komponent tar-riforma jkun implimentat kif suppost***; jilqa' l-fatt li, wara bidu kajman, l-implimentazzjoni tal-RRF żdiedet fir-ritmu mit-tieni nofs tal-2023, iżda d-dewmien għadu jippersisti u ġie attribwit lil diversi fatturi, inklużi r-reviżjonijiet marbuta mal-inklużjoni ta' REPowerEU, l-inflazzjoni li qed tiżdied, il-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tal-Istati Membri, l-inċertezzi rigward regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi tal-RRF, il-kostijiet għoljin tal-enerġija, in-nuqqas ta' provvista u sottovalutazzjoni taż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-miżuri;

Or. en

Emenda 229

Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jinnota*** li l-kisba tal-miri u l-istadji importanti għadha lura meta mqabbla mal-iskeda ta' żmien indikattiva pprovduta fl-NRRPs, u li l-pass tal-progress mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri; jilqa' l-fatt li, wara bidu kajman, l-implimentazzjoni tal-RRF żdiedet fir-ritmu mit-tieni nofs tal-2023, iżda d-dewmien għadu jippersisti u ġie attribwit lil diversi fatturi, inklużi r-reviżjonijiet marbuta mal-inklużjoni ta' REPowerEU, l-inflazzjoni li qed tiżdied, il-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tal-Istati Membri, l-inċertezzi rigward regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi tal-RRF, il-kostijiet għoljin tal-enerġija, in-nuqqas ta' provvista u sottovalutazzjoni taż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-miżuri;	21. ***Jesprimi dispjaċir dwar il-fatt*** li l-kisba tal-miri u l-istadji importanti għadha lura meta mqabbla mal-iskeda ta' żmien indikattiva pprovduta fl-NRRPs, u li l-pass tal-progress mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri; jilqa' l-fatt li, wara bidu kajman, l-implimentazzjoni tal-RRF żdiedet fir-ritmu mit-tieni nofs tal-2023, iżda d-dewmien għadu jippersisti u ġie attribwit lil diversi fatturi, inklużi r-reviżjonijiet marbuta mal-inklużjoni ta' REPowerEU, l-inflazzjoni li qed tiżdied, il-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tal-Istati Membri, l-inċertezzi rigward regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi tal-RRF, il-kostijiet għoljin tal-enerġija, in-nuqqas ta' provvista u sottovalutazzjoni taż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-miżuri;

Or. en

Emenda 230
Anouk Van Brug, Joachim Streit, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota li l-kisba tal-miri u l-istadji importanti għadha lura meta mqabbla mal-iskeda ta' żmien indikattiva pprovduta fl-NRRPs, u li l-pass tal-progress mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri; ***jilqa'*** l-fatt li, wara bidu kajman, l-implimentazzjoni tal-RRF żdiedet fir-ritmu mit-tieni nofs tal-2023, iżda ***d-dewmien għadu jippersisti u*** ġie attribwit lil diversi fatturi, inklużi r-reviżjonijiet marbuta mal-inklużjoni ta' REPowerEU, l-inflazzjoni li	21. Jinnota li l-kisba tal-miri u l-istadji importanti għadha lura meta mqabbla mal-iskeda ta' żmien indikattiva pprovduta fl-NRRPs, u li l-pass tal-progress mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri; ***josserva*** l-fatt li, wara bidu kajman, l-implimentazzjoni tal-RRF żdiedet fir-ritmu mit-tieni nofs tal-2023, iżda ***għad hemm dewmien sinifikanti, li jaffettwa riformi u investimenti ewlenin, li*** ġie attribwit lil diversi fatturi, inklużi r-reviżjonijiet

qed tiżdied, il-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tal-Istati Membri, l-inċertezzi rigward regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi tal-RRF, il-kostijiet għoljin tal-enerġija, in-nuqqas ta' provvista u sottovalutazzjoni taż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-miżuri;	marbuta mal-inklużjoni ta' REPowerEU, l-inflazzjoni li qed tiżdied, il-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tal-Istati Membri, l-inċertezzi rigward regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi tal-RRF, il-kostijiet għoljin tal-enerġija, in-nuqqas ta' provvista u sottovalutazzjoni taż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-miżuri; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-iżborżi li jifdal ikunu marbuta ma' progress li jista' jintwera fir-rigward ta' riformi strutturali u li jiġu indirizzati b'urġenza l-ostakli amministrattivi;***

Or. en

Emenda 231
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
